tal-Kanada. Hemm ukoll bċejjeċ oħra ta' interess u adattati ħafna għall-okkażjoni, li jinqraw bi pjaċir mill-Maltin ta' Malta u ta' barra minn Malta.

G.

**"IL-FRANĠISKANIŻMU"** ta' Patri Agostino Gemelli, O.F.M. Maqlub għal-Malti minn Patri Dijonisju Mintoff, O.F.M. C.M.U. Press Valletta — 1960. Paġ. 86.

Waqt li d-dinja għaddejja minn kriżi l-iżjed serja billi ż-żewġ blokki tal-Lvant u tal-Punent iżjed qed jitbiegħdu milli jersqu lejn xulxin, waqt li l-instabilità ekonomika qed iġġiegħel miljuni ta' nies jitwerwru miż-żmien ġejjieni, waqt li l-aħwa qegħdin jeħduha kontra l-aħwa u jġibu l-firda fil-klassi, bħala rimedju u soluzzjoni ġie mogħti għall-qari u għall-istudju tal-Maltin il-**Franġiskaniżmu,** xogħol sabiħ tal-għaref u qatt minsi P. Agostino Gemelli O.F.M., miġjub fil-Malti minn P. Dijonisju Mintoff

F'San Franġisk naraw il-bniedem li ħabb il-ħajja, iżda ħares lejha b'xejra sopranaturali, u li ssallab ma' Kristu bla ma żeblaħ il-ħajja. Min fil-ħajja tal-Patrijarka t'Assisi jwarrab minn quddiem għajnejh l-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ ħsibijiet, jagħmel minn S. Franġisk poeta tal-qalb; u min iwarrab it-tieni, jagħmel mill-Fqajjar ta' Kristu bniedem mix-rub u ta' qalbu sewda bħalma pinġewh xi pitturi tas-seklu XVI.

P. Gemelli jsostni, kontra Chavin u xi kittieba oħra, illi l-fini ta' l-apostolat tal-Fundatur tal-Franġiskaniżmu m'għandniex inqegħduh fir-rebħa tal-faqar, iżda fil-fatt illi s-*Sinjura Faqar* hija biss mezz magħżul biex ifejjaq is-soċjetà u jeqred il-firda li kien hemm u għad hemm bejn iż-żewġ klassijiet: il-fqir u s-sinjur.

Tabilħaqq San Franġisk u ħabibu San Duminku ngħaqdu flimkien biex iġibu r-rebħa tal-libertà u tal-għerf. Żewġ Ordnijiet li nħolqu f'moviment popolari, tħalltu mal-poplu, qasmu miegħu l-ġuħ u l-għatx u d-dwejjaq, daħlu fil-palazzi tas-slaten u għaqqdu n-nobbli u l-fqir. Hekk naraw lil San Franġisk jiġbed "lejh kull xorta ta' bnedmin: il-qalb ħanina ta' Fra Leone, l-artistokrazija ta' Fra Ginepro, is-sempliċità ta' Fra sew, il-għaqal barra minn loku ta' Fra Ginepro, is-sempliċità ta' Fra Ġwann, it-taħwid qaddis ta' Fra Eġidju u Fra Bernard, il-ħajra ta' ġentlom ta' Fra Tankredi, il-qalb ta' Fra Paċifku, kittieb il-għana, ir-ruħ nebbieħa fi ħwejjeġ kbar ta' ċertu Elija." (p. 25)

Il-Franġiskaniżmu la jrid idaqqas lil kulħadd xorta u la jrid iġib lil kulħadd indaqs; iżda jrid jinża' u jbaxxi lilu nnifsu bla ma jneżża' u jbaxxi 'l ħaddieħor (p. 20). Imħabba l-faqar Franġisku tħabbeb bħall-Missier Alla mal-bnedmin bla ma żeblaħ il-għonja u s-setgħana, inqata għal kollox mill-ħajja tal-komun u miż-żminijiet li fihom għax (p. 20).

Nifirħu lil P. Mintoff għal biċċa xogħol li ħa biex qaleb opra bħal din, li mhix ħobż għal snien kulħadd (għalkemm inħossu li sata' ħa ftit sabar iżjed biex jorqom aħjar ċerti passaġġi li, kif inhuma maqlubin fil-Malti huma pezanti ħafna wkoll għal min hu mħarreġ sewwa fi lsienna), u dawk il-Maltin li mogħmijin wara l-ġid għaddieni tad-dinja, donnhom tilfu s-sens tal-valuri spiritwali tal-ħajja.

*


# Ulied ta' l-Azzar

**Ir-Rumanz Rebbieħ ta' l-Ewwel Premju fil-Konkors tar-Rediffusion**

Jinsab għall-bejgħ għand dawn il-Librara:

A.C. Aquilina & Co.
Giov. Muscat
Cordina's Emporium.